**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Gunju 2023**

**Rikors nru : 11/2022 AGV ;**

**GD**

**-kontra-**

**CV**

**Il-Qorti :**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' GD li ppremetta s-segwenti:-**

ILLI jingħad mal-ewwel li l-esponenti kellu jippreżenta dina l-kawża, wara li din l-Onor. Qorti laqgħat talba tiegħu għall-varjazzjoni fil-manteniment li huwa jħallas għal uliedu, u wara pika u nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tal-intimata, għall-varjazzjoni (illi tkun tirrifletti l-istess Digriet), fil-kuntratt ta'

separazzjoni eżistenti bejn il-partijiet (*vide* kopja tad-Digriet relattiv – **DOK B**).

ILLI l-kontendenti kienu miżżewġin u għandhom erbat itfal, R, X, A u L D, bl-ikbar wieħed (R) t'eta' ta' tmintax (18) -il sena, u l-iżgħar wieħed (L) t'eta' ta' ħdax (11) -il sena.

ILLI l-partijiet kienu isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella fl-elfejn u erbatax (2014) (*vide* kopja annessa – **DOK A**) peress illi l-ħajja konjugali ta' bejniethom ma baqgħetx aktar possibbli; filwaqt li sussegwentament huma iddivorzjaw fis-sena elfejn u sittax (2016).

ILLI skond il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-kontendenti, senjetament skond **<u>klawsola numru dsatax (19)</u>** tal-istess kuntratt, l-esponenti kien qed iħallas l-ammont ta' elf, u tnejn u sebgħin (€1,072) f'manteniment kull xahar għal ulied il-partijiet.

ILLI l-esponenti jirrileva li meta sar il-kuntratt tas-separazzjoni huwa kien impjegat fuq *oil rig* iżda minn meta faqqgħet il-pandemija globali tal-*COVID-19* huwa safa bla xogħol indefinittivament, meta f'Marzu tal-elfejn u għoxrin (2020) l-esponenti twaqqaf mix-xogħol li kellu.

ILLI jinġieb għall-attenzjoni ta' din l-Onor. Qorti l-fatt illi <u>l-intimata sa ftit ilu ma kienetx taħdem u kien ilha għoxrin (20) sena sħaħ bla xogħol</u> filwaqt li l-esponenti, wara tmien (8) xhur sħaħ bla xogħol kompla dejjem jonora l-obbligu tal-manteniment versu uliedu.

ILLI inoltre minkejja li l-esponenti issa sab xogħol, huwa għandu dħul relattivament baxx ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400) u minnhom huwa kien qed iħallas €1,072 f'manteniment għal uliedu filwaqt li <u>l-intimata ma tikkontribwixxi bl-ebda mod finanzjarjament</u>. Hawn jingħad illi l-intimata jirnexxielha tpejjep, iżżomm karozza, toħroġ, u tiddeverti u dejjem ħadet il-manteniment tal-minuri mingħand l-esponenti f'idejha, flimkien ma' kwalunkwe benefiċċji li l-minuri jipperċepixxu mill-istat.

ILLI apparti milli kien iħallas €1,072 f'manteniment, l-esponenti għandu *loan* fuq ir-residenza tiegħu fl-ammont ta' ħames mija, disgħa u sittin ewro (€569) fix-xahar fil-fatt li kieku mhux għax tgħinu ommu, l-esponenti żgur li ma jkampax u ma jlaħħaqx finanzjarjament, tant li kien wasal f'sitwazzjoni fejn ma jifdallux biex jgħix.

ILLI **<u>klawsola numru tnejn u għoxrin (22)</u>** tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-kontendenti tistipula illi jekk iseħħ bdil fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-esponenti huwa għandu jgħarraf lill-intimata f'dan ir-rigward permezz ta' ittra uffiċjali sabiex jintlaħaq ftehim dwar rata ta' manteniment ġdida. Hawn jingħad illi tali rimedju l-esponenti eżawrieh iżda dan ma kien wasslu mkien.

ILLI għalhekk l-esponenti preżenta rikors quddiem din l-Onor. Qorti u sussegwentament **<u>permezz ta' Digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti nhar l-għoxrin (20) t'Ottubru, 2021, din l-Onorabbli Qorti laqgħat it-talba tal-esponenti illi kienet waħda sabiex "*TORDNA illi l-manteniment mill-esponenti versu uliedu jkun varjat b'dan illi l-istess manteniment ikun ta' mitejn ewro (€200) mensili għal kull wild*</u>.**" (*vide* Vera kopja tad-Digriet – **DOK B**).

ILLI fid-dawl tar-raġunijiet kollha spjegati f'dan ir-rikors, l-esponenti umilment iħoss li ma jistax iħallas aktar minn tmien mitt ewro (€800) f'manteniment kull xahar u cioe' mitejn ewro (€200) għal kull wild, u għalhekk huwa kellu jirrikorri lejn din l-Onor. Qorti sabiex in vista' tal-bdil serju fiċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-esponenti, din l-Onor. Qorti jogħġobha tikkonferma d-Digriet surriferit tal- 20 t'Ottubru, 2021.

ILLI inoltre jinġieb għall-attenzjoni ta' din l-Onor. Qorti l-fatt illi l-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet jipprovdi permezz ta' klawsola tnejn u għoxrin (22), illi jekk huwa possibbli l-manteniment m'għandux jeċċedi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar.

ILLI nonostante saru d-debiti proceduri ta' medjazzjoni bejn il-partijiet *de quo*, u ingħata d-Digriet surriferit li awtorizza varjazzjoni fil-manteniment pagabbli mill-esponenti għal ulied il-partijiet, dawn ma biddlu xejn u l-intimata irrifjutat li jiġi varjat il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet, ghalhekk, a tenur tad-Digriet ta' din l-Onor. Qorti datat l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru, 2021, (*vide* **DOK C**) l-esponenti proċeda b'din il-kawża.

ILLI għar-raġunijiet kollha msemmija fil-preżenti, l-esponenti qed jirrikorri ghall-prezenti proceduri quddiem din l-Onor. Qorti sabiex jigi varjat il-kuntratt ta' separazzjoni ezistenti bejnu u bejn l-intimata, fid-dawl tad-drittijiet legali u naturali tieghu li jobbliga ruħu li jħallas manteniment raġjonevoli versu uliedu, li jkun wieħed jirrifletti l-mezzi finanzjarji tiegħu u li xorta waħda jkun biżżejjed biex ikopri l-ħtiġijiet finanzjarji ta' ulied il-partijiet.

ILLI l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

**Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti**:-

1)TAWTORIZZA varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella fl-elfejn u erbatax (2014) u dan billi:

i. Tordna illi Klawsola dsatax (19) tal-kuntratt relattiv titħassar fl-intier tagħha.

ii. Tordna illi minflok il-klawsola dsatax (19) li hemm fil-preżent titniżżel klawsola li tiprovdi s-segwenti:

> "**Il-Komparenti Raġel għandu jħallas manteniment fis-somma ta' mitejn ewro (€200) mensili għal kull wild, liema manteniment jogħla kull sentejn (2) skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja; u liema manteniment ma jkoprix l-ispejjeż tal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri, liema spejjeż għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**"

u fil-bqija tikkonferma l-provvedimenti tal-istess kuntratt.

iii. Tordna t-tħassir ta' Klawsola wieħed u għoxrin (21) tal-kuntratt relattiv.

iv. Tordna t-tħassir ta' Klawsola tnejn u għoxrin (22) tal-kuntratt relattiv.

2.TAĦTAR Nutar sabiex jirċievi l-Att.

3)TAĦTAR kuraturi sabiex jidhru fuq l-Att, kemm il-darba waħda mill-partijiet tonqos milli tidher għall-pubblikazzjoni tal-istess.

4)TAGĦTI kwalunkwe ordni u provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti tħoss li huwa xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u fl-aħjar interess tal-minuri.

5. Bl-ispejjeż kontra l-intimata minn issa stess inġunta in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta guramentata ta' CV li eccepiet is-segwenti:-**

1. Illi t-talbiet tar-rikorrent kif mitluba fir-rikors tieghu tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) huma manifestament infondati kemm fill-fatt kif ukoll fid-dritt dan anki ghaliex l-obbligu ghall-manteniment ma huwa marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tar-rikorrenti izda huwa obbligu assolut u dovut skont il-mezzi.

2. Illi m'huwiex minnu li r-rikorrent ma jiflahx ihallas il-manteniment dovut lil uliedu, ghaliex minkejja l-allegat tnaqqis fl-mezzi finanzjarji tieghu l-esponenti hija konsapevoli tal-fatti li r-rikorrent ghandu mezzi finanzjarji ulterjuri u separati mill-introjtu li l-istess kien jaqla bhala salarju mill-impjieg li kellu mnejn hu jista' jkompli jaqdi l-obbligi kuntrattwali tieghu, il-bidla fix-xoghol tieghu m'ghandhiex timpedilu milli jilhaq mal-obbligi minnu assunti fil-kuntratt ta' separazzjoni personali datati s-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) ezistenti bejn il-partijiet, anness mir-rikorrent mar-rikors promotur u mmarkat bhala Dok. A.

3. Illi hekk kif imnizzel fir-rikors promotur ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat l-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) anness mir-rikorrenti mar-rikors promotur u mmarkat bhala Dok B, l-istess Onorabbli Qorti laqghet *pendente lite* t-talba tar-rikorrenti ghall-

varjazzjoni tal-manteniment imhallas minnu versu uliedu b'dana illi l-manteniment ikun ta' mitejn (€200) mensili ghal kull wild.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal-premess l-esponenti tibqa' izzomm ferm il-posizzjoni taghha illi t-talba tar-rikorrenti li jhallas l-ammont ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar bhala manteniment ghal kull wild zgur mhijiex wahda ragjonevoli meta wiehed iqis li t-talba tar-rikorrent ghar-riduzzjoni ta' manteniment kienet ibbazata unikament fuq il-fatt li faqqghet il-pandemija f'Malta, kagun ta' liema gie tterminat l-impjieg tieghu. Jista' jigi apprezzat minn din l-Onorabbli Qorti li l-effetti tal-Pandemija f' Malta naqsu kwazi ghal kollox u certament m'ghandhomx fi stat li jwaqqfu lir-rikorrent milli jsib impjieg li jippermettilu jonora l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tieghu ossia mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar ghal kull wild.

5. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, b'applikazzjoni tal-principji ta' *pacta sunt servanda* u tal-*bona fede* tal-kontraenti fil-kontrattazzjoni tal-obbligazzjonijiet, l-oneru tal-prova illi l-allegat tibdil fic-cirkostanzi u l-mezzi finanzjarji tar-rikorrent huwa wiehed sostanzjali li sehh b'mod kompletament indipendenti mill-kontroll tieghu u jpoggih f'impossibilita' li jhallas l-ammont ta' manteniment hekk kif originarjament pattwit, jinkombi b'mod assolut fuq l-istess rikorrent, liema oneru tal-prova ghandu jkun wiehed massimu stante li l-obbligu tal-hlas tal-manteniment huwa meqjus bhala materja li jaqa' fil-kamp tal-ordni pubbliku u dan sabiex jigi eskluz kull dubju illi t-talbiet tieghu fir-rikors mhux qed isiru b'mod genwin jew qed isiru ghal skopijiet ulterjuri.

6. Illi l-esponent minn dejjem kienet mara tad-dar li hadet hsieb lid-dar, lil zewgha u lil uliedha sakemm iz-zwieg sfaxxa u inoltre l-esponenti minn dejjem kienet tiddependi kompletament fuq l-istess zewgha r-rikorrenti ghall-

finanzi u ghall-manteniment ta' uliedhom stante li ma kinetx tahdem u dan sabiex hi tkun tista' tiehu hsieb il-bzonnijiet u n-necessitajiet tar-rikorrenti kif ukoll tal-erbat (4) itfal ulied il-partijiet, ikoll bic-cirkostanzi partikolari taghhom u xi drabi diffikultuzi taghhom minghajr l-ebda ghajnuna da parti tar-rikorrent, fuq liema cirkostanzi l-esponenti tkun tista' telabora b'mod ulterjuri u f'aktar detall fil-mument opportun waqt s-smiegh ta' dina l-kawza.

7. Illi l-pretensjoni tar-rikorrent li l-esponenti ma tikkontribwixxi bl-ebda mod finanzjarjament ghall-ulied il-partijiet hija manifestament infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante illi huwa stat ta' fatt li l-ulied ighixu mal-esponenti u bic-cert illi d-dedikazzjoni taghha lejn uliedha u x-xoghol li taghmel maghhom ta' kuljum jissupera bil-wisq il-valur tal-ammont ta' manteniment imhallas mir-rikorrent, anke meta kkunsidrat il-fatt li l-bzonnijiet tal-erbat itfal ulied il-partijiet qeghdin ikomplu jizdiedu mad-dekors taz-zmien inkluz il-piz tat-trobbija taghhom fuq l-esponenti.

8. Illi rigward kwalunkwe *loans* li ghandu r-rikorrent, b'kull rispett dawn jinkombu fuqu personali u huma problema tieghu u tieghu biss ma jistu qatt jiggustifikaw riduzzjoni fil-manteniment, li huwa obbligat ihallas lejn ulied il-partijiet u ghalhekk ghandhom jigu kkalkulati fuq il-mezzi ta' dak li jkun u mhux fuq il-likwidita' tal-persuna li qed thallas.

9. Illi ghal kuntrarju ta' dak li jghid ir-rikorrent fir-rikors promotur imkien fi klawzola tnejn u ghoxrin tal-kuntratt tas-separazzjoni ma huwa mnizzel li jekk huwa possibbli l-manteniment m'ghandux jecccedi s-somma ta' mitejn Ewro (200) fix-xahar. Ai fini ta' kjarezza ser tigi kkwotata parti minn din il-klawzola fejn sempliciment jinghad illi l-ammont ghandu jigi rivedut u jitnaqqas u dan f'ammont li jifthiemu dwaru l-partijiet jew f'kaz ta' nuqqas ta' ftehim f'ammont li jiddetermina l-Qorti kompetenti.

10.Illi l-esponenti tirrileva li r-rikorrent huwa ghal kollox nieqes minn hajjet uliedu, tant illi jaghmel xhur u snin shah minghajr ma' jiltaqa' maghhom anke issa li jinsab prezenti f'Malta u fil-fatt ilu ma jiehu lil ulied il-partijiet ghal *sleepover* ghandu ghal bejn wiehed u iehor erba' snin. Mhux talli r-rikorrent jaghmel xhur shah minghajr ma jiltaqa ma' ulied il-partijiet izda talli l-anqas juri l-icken interess lejn il-hajja taghhom .

11.Illi permezz tal-istess digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti nhar l-ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrent illi l-manteniment ta' mitejn ewro mensili ghal kull wild ikun ikopri ukoll l-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha . Fid-dawl ta' dan , l-esponenti tixtieq ticcara li l-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha ta' ulied il-partijiet mhux qed jinqasmu nofs bin-nofs u dan ghaliex ghar-rigward tal-ispejjez tal-edukazzjoni m'hemm l-ebda obbligu kuntrattwali bejn il-partijiet f'dan is-sens filwaqt li ghar-rigward tal-ispejjez ta' sahhet l-ulied ir-rikorrent dejjem baqa' inadempjament meta mitluba jaghmel tajjeb mill-esponenti ghal ispejjez.

12.Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponenti qieghdha bir-rispett titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent u tirrevoka d-digriet tal-Onorabbli Qorti datat l-ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) , b'dana illi l-partijiet jergghu jitpoggew fl-*istatus quo ante* u r-rikorrent jerga' jibda jhallas l-ammont f'manteniment b'mod invarjat hekk kif patwit skont il-kuntratt ta' separazzjoni personali datat is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) fis-sehh bejn il-partijiet.
Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**FATTI**

L-attur kien jahdem fuq *oil rig* u kellu paga tajba, tant li meta sseparaw kien ghalhekk li accetta li jhallas €1072 fil-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella datat 17 ta' Jannar, 2014.[1]

Minhabba li kien hawn il-Covid spicca li tilef ix-xoghol u ghalhekk konsegwentement il-paga tieghu naqset, tant li kien fetah kawza sabiex ivarja l-manteniment u fl-20 ta' Ottubru, 2021 dina l-Qorti kienet harget digriet fejn accettat it-talba tieghu u rriduciet il-manteniment ghal €200 fix-xahar ghal kull wild.

Jinsisti li anke meta ghamel perjodu bla xoghol dejjem hares l-obbligi tieghu. Presentement jikkonferma ukoll li ghal darb'ohra jinsab bla xoghol.[2]

Jinsisti ukoll li ghandu *loan* xi jhallas li assumih fis-separazzjoni u dan fl-ammont ta' €569 fix-xahar u sabiex jasal biex ihallas tghinu ommu.

Dwar il-konvenuta jinsisti li llum dina tahdem u meta minn Facebook kienet qed tirriklama xi prodott.[3] Il-konvenuta tammetti li ghalkemm kienet decizjoni taghhom it-tnejn li meta twieldu t-tfal ma kellhiex tohrog tahdem, meta kibru hasset il-htiega li terga' tohrog fid-dinja tax-xoghol u kienet sabet impjieg bhala salesgirl tbiegh prodotti naturali.[4] Pero' kellha taghzel li tieqaf mix-xoghol minhabba li t-tifla A tbati minn ADHD u jkollha tmur l-iskola minghajr preavviz minhabba l-kundizzjoni taghha.[5] L-istess kundizzjoni ghandu t-tifel Luca, kif ukoll ghandu d-dyslexia u ghalhekk ghandu bzonn hafna mill-hin taghha.[6] In kontro-ezami l-konvenuta tinnega li tahdem mal-Pisces Restaurant jew li tbiegh prodotti tal-Avon. Illum tghix bir-relief u c-childrens allowance u l-manteniment li jghaddilha l-attur.

Dawn il-problemi kollha jimpeduha milli tmur tahdem u inoltre tispjega li l-attur rari imur ghat-tfal jew jaghmel kuntatt maghhom u ghalhekk il-hin liberu taghha huwa llimitat hafna. L-attur jaghraf li hemm dawn il-problemi li jrendu l-hajja tal-konvenuta difficli, izda jghid li llum zgur tahdem gewwa ristorant. Dwar il-kuntatt mat-tfal ighid li jikkomunika ma' R bil-Whatsapp u xi kultant jiltaqa' mat-tifla.
Dwar l-ispejjes edukattivi u tas-sahha jinsisti li dejjem kien dispost li jhallashom u dejjem refa' r-responsabbilita', izda dejjem kienet il-konvenuta li naqset li tghaddilu d-dokumentazzjoni mehtiega meta talabha.[7] Il-konvenuta tirribatti li l-attur ihallas ghall-ispejjes medici ordinarji. Il-konvenuta pprezentat rendikont tal-ispejjes li jkollha f'xahar.[8] Tikkonferma li l-attur kien hallas safra li kellu t-tifel R.

Jispjega ukoll li apparti l-manteniment li jghaddi lil uliedu, il-konvenuta tircievi ukoll l-beneficcji tac-childrens allowance, beneficcji ta' *single mother*, kif ukoll it-tifel R jircievi stipendju ghax ghadu qed jistudja. Il-konvenuta tikkonferma li sallum tircievi biss il-childrens allowance tat-tifel Luca u dwar Ryan dan jircievi stipendju ta' circa €90 u jzommu hu.
Madanakollu, ighid li rcieva mill-iskola li l-konvenuta ma kinitx qed thallas id-donazzjoni u llum naqsu anke l-ispejjes tat-trasport. In kontro-ezami jammetti li ma kienx hallas d-donazzjoni hu lanqas ladarba l-Father ma kienx talabhomlu. Inoltre, l-konvenuta tohrog, tpejjep u taghmel hafna kapricci ohra u ghalhekk ghandha flus.

Dwar l-attur, il-konvenuta tinsisti li meta sseparaw huwa zamm proprjetajiet gewwa x-Xemxija u anke Hal Luqa u dan il-post tal-ahhar dejjem krieh u llum huwa mikri ghand "Paperway Stationery." Minn hawn l-attur jikkonferma li jircievi €140 fis-sena minn dina l-kirja li jintuza bhala store minn sid l-istationery.

**RM** , Habiba tal-konvenuta tikkonferma li kienu saru hbieb meta kienet tahdem bhala pet groomer. Ghadhom hbieb sallum.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

L-attur qed jitlob varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni data 17 ta' Jannar, 2014 fl-atti tan-Nutar Dr.Nicholas Vella precisament fil-klawsoli 19, 21 u 22 tal-istess kuntratt, liema klawsoli jirregolaw il-manteniment.
Jirrizulta li l-attur kien ipprezenta rikors fl-atti tal-medjazzjoni numru 810/21 fejn talab li l-istess manteniment fil-kuntratt ta' separazzjoni, precisament f'klawsola 19 jitnaqqas ghal €200 fix-xahar ghal kull wild. B'digriet taghha tal-20 ta' Ottubru, 2021, dina l-Qorti laqghet dina t-talba tal-attur.[9]

**<u>Posizzjoni Legali</u>**
Dina l-Qorti diga' kellha l-opportunita' f'diversi okkazzjonijiet sabiex tenuncja ruhha fuq talbiet ta' varjazzjoni jew bdil f'kuntratt ta' separazzjoni u dina l-Qorti ddistingwit bejn bdil mitlub f'sentenza tal-Qorti fuq manteniment, u dak mitlub f'kuntratt konsenswali, jew kif inhi ahjar maghrufa f'termini legali "is-separazzjoni bonarja."
Gie ritenut kemm il-darba li l-kuntratt konsenswali li jsir bejn il-konjugi jirregola s-separazzjoni taghhom u jekk kemm il-darba ma jikkontemplax mod iehor, il-kundizzjonijiet u pattijiet hemm kontenuti jirrapprezentaw ***"pacta sunt servanda."***

Il-gurisprudenza nostrana zammet ferm li bhala regola ferma japplika l-principju *pacta sunt servanda* li jaghti forza ta' ligi lil dak li jkunu ftehmu l-partijiet, salv ghad-dritt tal-qorti li tintervjeni f'vertenzi li jirrigwardaw lill-minuri. Dan il-principju huwa rifless fil-ligi taghna fejn l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

> ***"(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***
> ***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi."***
> ***Il-gurisprudenza ricenti hi fis-sens li, minkejja dak miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni u li jolqot biss il-partijiet, jistghu jezistu cirkostanzi "ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-attur li gabuh fl-impossibilita' li jhallas retta alimentali [pattwita] allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni."[10]***
> ***Dan hu hekk fl-interess tal-ordni pubbliku, li jipprevali fuq kull ftehim li talvolta jkun sar bejn il-partijiet kontraenti. Ghalhekk sabiex din l-eccezzjoni ghar-regola tkun applikabbli, jehtieg li min ikun intrabat kontrattwalment li, jesegwixxi obbligu, biz-zmien isib ruhu fl-impossibilita' estranea ghall-volonta' tieghu li jkompli jesegwixxi dak l-obbligu tieghu."[11]***

Hekk ukoll f'sentenza ohra fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg,**[12]l-Qorti tal-Appell osservat li minn jitlob varjazzjoni tal-obbligu ta' manteniment ghandu jgib provi "***cari, oggettivi u inekwivoci***" sabiex jikkonvinci lill-Qorti illi l-intervent taghha huwa mehtieg.

Fil-mertu, ghalhekk, in linea generali, f'kull kawza fejn it-talba hi ghall-varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, l-oneru tal-prova huwa gia' wiehed gholi. Meta l-varjazzjoni mitluba tirrigwarda l-obbligu tal-hlas tal-manteniment, meqjus bhala li jaqa' fil-kamp tal-ordni pubbliku, il-Qorti tqis li l-oneru tal-prova mehtieg ghas-success ta' azzjoni bhal dik odjerna, huwa wiehed massimu.

Il-Qorti kellha dan xi tghid dwar il-bilanc li jrid jinstab bejn il-principju fondamentali "***pacta sunt servanda"*** u l-principju l-iehor daqstant importanti "***ad impossibilia nemo tenetur***":-

> ***"Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet." Fi kliem iehor, f'materja ta' revizjoni ta' manteniment pattwit, filwaqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja ta' kuntratti, ghandu japplika ukoll, bhala deroga mill-istess, il-principju "ad impossibilia nemo tenetur," li jifforma r-"ratio legis" tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap.16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt."***
>
> ***"Jinkombi ghalhekk fuq min jitlob il-varjazzjoni tal-obbligu ta' manteniment, id-dover assolut li jressaq provi cari, oggettivi u inekwivoci biex jikkonvinci lill-Qorti, altrimenti l-Qorti tkun qed tippermetti li stipulazzjonijiet tant serji u delikati f'kuntratti pubblici bhalma huma stipulazzjonijiet dwar obbligu ta' manteniment tal-konjugi jew tal-ulied, jigu soggetti ghall-tibdil bl-iktar mod facli u espedjenti. L-Artikolu 21 tal-Kodici Civili, fuq citat, zgur mhux intiz biex jakkomoda piki u kapricci, izda fejn jirrizultaw verament ragunijiet serji u gravi li jiggustifikaw tibdil fil-patt kuntrattwali ghall-hlas ta' manteniment, dan ghandu jigi premess.***

Gie ukoll ritenut mill-Qorti tal-Appell illi ***"…..jinsab assodat fil-gurisprudenza patria li iktar milli bdil fic-cirkostanzi b'mod generali, it-test dwar jekk ghandux jigi ridott manteniment stabbilit lil wiehed mill-konjugi jirrikjedi ezami komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom."Edward Galea vs Josephine Galea – 15.05.1998)"***[13]

Ghalhekk, dina l-Qorti trid tezamina u tevaluwa li l-provi prodotti mill-attrici huma **cari, oggetti u inekwivoci** bizzejjed sabiex jiggustifikaw revizjoni fil-*quantum* ta' manteniment dovut mill-konvenut.`

Fil-kaz in dezamina, l-attur ipproduca dokumentazzjoni li juru b'mod car li l-attur kien jahdem fuq *oil rig* mas-socjeta' Employ Africa HR Services (Ply) Ltd u konsegwenza tal-pandemija Covid -19 spicca li l-impjieg tieghu gie tterminat.[14] Meta kien accetta li jiffirma l-kuntratt ta' separazzjoni kien ghadu qed jahdem mas-socjeta' fuq imsemmija u kien ghalhekk li accetta li jhallas is-somma ta' €1072 bhala manteniment.

In segwitu ghal dina t-terminazzjoni, l-attur jistqarr li ghamel zmien fejn ma kellux impjieg u dejjem baqa' jonera l-obbligi tieghu. Eventwalment kien sab xi impjiegi pero' ma kienx jaqla' l-istess paga bhal meta kien jahdem fuq l-*oil rig* u kien ghalhekk li kien ipprezenta rikors quddiem dina l-Qorti sabiex inaqqas il-manteniment, liema talba giet milqugha minn dina l-Qorti. Illum rega' spicca dizokkupat, pero' ciononstante, dejjem ra kif ghamel sabiex il-manteniment, kif ridott, jithallas u anke l-istess konvenuta kkonfermat li dejjem hallas regolarment, ghalkemm xi kultant ikun tard fil-pagamenti.

Irrespettivament mill-fatt li l-attur jinstab dizokkupat l-obbligu tal-manteniment dejjem jipprevali u mhux gustifikat bl-ebda mod.

Gie ppruvat da parti tal-konvenuta li l-attur ghandu post mikri f'Hal Luqa u llum jintuza bhala *store* ta' hanut tal-istationery. Sorprendentement, l-attur ma hass il-htiega li jsemmi din il-kirja fl-affidavit tieghu, izda in kontro-ezami, filwaqt li ammetta li jikri dan il-post, huwa stqarr li jikrih ghall-valur ta' €140 fis-sena. L-attur ma pprezenta ebda rcevuti sabiex jikkonferma l-verzjoni tieghu u apparti li dan l-ammont ta' kiri ma jistax jitqies li gie ppruvat, ukoll din il-Qorti tirritjeni li dan l-ammont huwa pjuttost zghir bhala kiri ghal sena, imbaghad iktar meta qed jintuza bhala mahzen.

Jirrizulta ukoll li jipposjedi erba' karozzi, tlieta minnhom tad-delizzju.

Bhala spejjes ohra l-attur ghandu xi jhallas l-*loan* li ghad hemm fuq il-proprjeta' li ghandu x-Xemxija li *in ogni caso* m'ghandux ihalli impatt fuq l-obbligu tieghu bhala missier li jmantni lil uliedu u oltre minn hekk qatt ma kien hemm problemi peress li fejn ma lahaqx bil-pagamenti kienu jghinuh il-genituri tieghu.
Mir-rizultanzi processwali, dina l-Qorti tinnota ukoll li kien hemm xi tnaqqis ta' spejjes in kwantu jirrigwarda t-tfal u dan minhabba li m'ghadx hemm spejjes tat-trasport tal-ulied peress li llum huwa offrut b'xejn mill-Istat. Jinghad ukoll li tlieta minn ulied il-partijiet, jircievu stipendju li minn dak li xehdet il-konvenuta jzommu l-istess ghalihom. Fl-istess waqt ukoll, il-konvenut tippercepixxi biss childrens allowance ta' L biss llum.

L-attur ressaq provi li l-konvenuta prezentement qed tahdem, li da parti taghha ma nnegatx li ghamlet zmien bejn 2021/2022 fejn hadmet mat-Top Brands u kienet tbiegh prodotti kosmetici naturali. Izda kellha tirrizenja minhabba li kellha problemi tat-tfal peress li tnejn minnhom ibatu mill-ADHD, kif ukoll L jbati mid-*dyslexia* u ghalhekk kellha tkun prezenti maghhom, tant li ma kienx jibqghala hin sabiex tmur tahdem.
L-attur baqa' jallega li l-konvenuta tahdem il-Pisces Restaurant u li anke tbiegh il-prodotti kosmetici Avon bhala rapprezentanza tal-istess, izda minkejja dawn l-allegazzjonijiet ma pprezenta l-ebda prova sabiex jissostanzjahom.
Il-konvenuta pprezentat rendikont tal-ispejjes li tinkorri ghall-uliedha u bejn April u Mejju, 2022 tikkalkola li n-nefqa kienet ta' circa €1300.[15] Il-konvenuta tkampa, skond ma xehdet, bil-manteniment li jhallas l-attur, il-beneficcji socjali li tircievi, kif ukoll ic-childrens allowance u anke jghinuha l-genituri taghha.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, jirrizulta sfortunatament li l-pandemija tal-Covid-19 halliet l-impatt f'diversi oqsma tas-socjeta' l-iktar fejn tidhol l-ekonomija u tassew huma cirkostanzi *gravi* u *eccezzjonali* li wasslu ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur.

Dwar l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, il-konvenuta tishaq li l-attur pero' ma kienx ihallas dawn l-ispejjes. L-attur stess jirribatti dina l-allegazzjoni u dan wara li pprezenta email fejn kien qed jitlob lill-konvenuta sabiex tibghatlu l-ircevuti tat-tobba tas-sena 2017, haga li jghid li naqset li taghmel.
Inoltre, l-attur jakkuza lill-konvenuta talli naqset li thallas id-donazzjoni lill-iskola tat-tfal, wara li s-surmast kien gibidlu l-attenzjoni. Ghalkemm l-attur jammetti li kellu laqgha mieghu, in kontro-ezami kkonferma li ma hallasx id-donazzjonijiet dovuti peress li skond hu s-surmast ma talbux il-hlas taghhom. Ghandu jigi rilevat minn dina l-Qorti li d-donazzjonijiet ghall-iskejjel tal-Knisja mhux tassativi u kull familja tithalla fil-liberta' jekk tridx thallasha jew le.
Gie kkonfermat minn entrambi l-partijiet, li l-attur kien hallas safra tal-iskola ta' R.

Ghalkemm dak li sehh kien *indipendenti mill-volonta' tal-attur* u kien fenomenu li hassat lid-dinja shiha, bl-ebda mod ma jhalli lok sabiex l-istess attur jiehu vantagg mis-sitwazzjoni u ma jaghmilx hiltu biex isib xoghol li jrendi l-istess introjtu. Madanakollu, anke jekk verament kien sab ruhu bla impjieg habta u sabta, ugwalment jirrizulta li l-attur qatt ma naqas mill-obbligi tieghu ghall-hlas ta' manteniment.
Biex isahhah il-kaz tieghu ukoll l-attur ghandu favurih l-intepretazzjoni tat-tieni paragrafu tal-klawsola 22 tal-kuntratt ta' separazzjoni li fic-cirkostanzi jwassal ghall-gustifikazzjoni tat-talba tieghu sabiex jirriduci l-manteniment wara li safa' dizokkupat.

Ciononostante, hemm diversi inkonsistenzi jew nuqqasijiet li halla barra l-attur appozitament jew le fix-xhieda tieghu, izda hargu biss mill-kontro-ezami tieghu li jhasbu lil dina l-Qorti fuq il-kredibbilita' o meno tieghu. Ghalhekk ma thossx li ghandha totalment tilqa' t-talbiet tal-attur *in toto*.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1.Tilqa' l-ewwel parti tal-ewwel talba attrici (1(i)) in parte, fis-sens li thassar l-ewwel zewg paragrafi tal-klawsola 19.

2. Tilqa' t-tieni parti tal-ewwel talba attrici (1(ii) u tordna l-varjazzjoni kif mitluba.

3. Tichad it-tielet parti tal-ewwel talba attrici (1(iii).

4. Tilqa' r-raba' part tal-ewwel talba attrici (1(iv) peress li llum l-istess klawsola m'ghandhiex iktar relevanza.

Tilqa' t-tieni talba u tinnomina lin-Nutar Nicholas Vella ghall-pubblikazzjoni tal-korrezzjoni tal-att relattiv.

Tilqa' t-tielet talba, u tinnomina kuraturi deputati skond it-turn.

Minhabba n-natura tal-kaz, l-ispejjez ghandhom tibqa' bla taxxa.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella**

**Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**